



Brussell, 19 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10288/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0381 (COD)**

**ENER 292
ENV 614
TRANS 276
ECOFIN 540
RECH 236
CODEC 1049
IA 110**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	9988/17 ENER 271 ENV 580 TRANS 251 ECOFIN 494 RECH 222 CODEC 984 IA 108 15108/16 ENER 416 ENV 756 TRANS 477 ECOFIN1152 RECH 341 IA 125 CODEC 1797 + ADD 1 - 5
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija - Approċċ ġenerali

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq fit-30 ta' Novembru 2016, bħala parti mill-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa. L-għan tal-proposta huwa li tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika fil-bini u li tkun appoġġata r-rinnovazzjoni tal-bini bil-ħsieb tal-mira fit-tul tad-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini Ewropew. B'mod partikolari, tipprevedi l-istabbiliment min-naħa tal-Istati Membri ta' strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul, issaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politika dwar l-effiċjenza enerġetika u l-finanzjament u ttejjeb s-sistemi relatati ta' dokumentazzjoni u data statistika dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

2. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tippromwovi l-installazzjoni ta' infrastruttura ta' ċċarġjar fil-binjiet għal vetturi elettriċi, u tipproponi l-introduzzjoni ta' indikatur ta' intelliġenza biex jikkarakterizza t-tlestija ta' binjiet speċifiċi biex jimxu lejn l-awtomatizzazzjoni tal-bini. Fl-aħħar nett, f'konformità mal-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar, il-proposta tirrazzjonalizza u tissimplifika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li ma tawx ir-riżultati mistennija, pereżempju dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tiżhin u tal-ikkundizzjonar tal-arja.
3. L-eżami tal-proposta beda f'Jannar 2017 taħt il-Presidenza Maltija. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt relatata, segwita minn skambju ta' fehmiet fejn il-Kummissjoni wiegħbet għall-mistoqsijiet li tqajmu mid-delegazzjonijiet. Il-mistoqsijiet iffukaw prinċipalment fuq in-natura preċiża u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi introdotti mill-proposta. Xi delegazzjonijiet ikkritikaw il-piż amministrattiv u l-komplessità żejda tal-obbligi, meta mqabbla mal-valur miżjud tagħhom. B'mod partikolari, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-punti tal-iċċarġjar u tal-indikatur ta' intelliġenza, diversi delegazzjonijiet kienu mħassba li l-introduzzjoni ta' obbligi ċari jistgħu jkunu prematuri jew joħolqu spejjeż eċċessivi.
4. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni, u ressqu diversi talbiet għal modifika matul l-eżami ddettaljat tal-artikoli. Sabiex jittejjeb it-test u jinsab kompromess adatt, il-Presidenza għamlet diversi bidliet fit-test. Il-bidliet l-iktar importanti għandhom l-għan li:
 - itejbu u jirfinaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul u dwar il-finanzjament (Artikoli 2a u 10);
 - inaqqsu l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għal mill-inqas wieħed għal binjiet mhux residenzjali. Rigward it-tqegħid ta' kejbils minn qabel, wieħed biss minn kull tliet spazji għall-parkeġġ irid ikollu l-kejbils imqiegħda minn qabel għal punti tal-iċċarġjar tal-elettriku f'bini mhux residenzjali, filwaqt li f'bini residenzjali t-tqegħid ta' kejbils minn qabel huwa rekwiżit ġenerali. Aktar kondizzjonijiet biex japplikaw dawn l-obbligi ġew introdotti wkoll fit-test (Artikolu 8(2) u (3));
 - jagħmlu l-iskema futura dwar l-indikatur ta' intelliġenza volontarja u aktar konkreta (Artikolu 8(6) u Anness Ia);
 - jistabbilixxu limitu wieħed ta' 70 kW għall-ispezzjoni tas-sistemi tat-tiżhin u tal-ikkundizzjonar tal-arja u jintroduċu mill-ġdid alternattivi għal spezzjonijiet (Artikoli 14 u 15);

- ineħħu t-tnaqqis tal-enerġija rinnovabbli mhux prodotta fis-sit mill-enerġija primarja netta tal-bini, u jippermettu biss il-fatturi tal-enerġija primarja stabbiliti mill-Istati Membri biex titqies l-enerġija rinnovabbli mhux prodotta fis-sit (Anness I).

5. Fil-laqgħa tiegħu fl-14 ta' Mejju, il-Coreper eżamina l-aħħar kompromess tal-Presidenza u b'segwitu għall-kummenti ta' xi delegazzjonijiet, qabel li jsiru bidliet oħra għat-test. F'dik l-okkażjoni, LU indikat li ma tistax tappoġġa l-Artikolu 8 dwar l-elettromobbiltà. Il-kompromess kif rifless fl-Anness jintbagħat lill-Kunsill bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali.

L-approċċ ġenerali jistabbilixxi l-pożizzjoni proviżorja tal-Kunsill dwar din il-proposta, u jiffirma l-bażi għat-tnejn tan-negozjati mal-Parlament Ewropew.

Il-bidliet meta mqabbla mad-dokument preċedenti (dok. 9988/17) huma indikati b'**tipa grassa u sottolinjata**. Il-Premessi ġew adattati biex jirriflettu l-bidliet fid-dispożizzjonijiet sostantivi.

Madankollu, il-Kummissjoni tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar il-proposta ta' kompromess kollha f'dan l-istadju tal-proċedura. DK għandha riżerva ta' skrutinju parlamentari. Id-delegazzjonijiet kollha għandhom riżerva ta' skrutinju dwar it-test.

6. Il-Kumitat ITRE tal-Parlament Ewropew ħatar lil Bendt Bendtsen (PPE) bħala relatur u huwa mistenni jadotta l-opinjoni tiegħu f'Novembru 2017. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' April 2017, filwaqt li l-Kumitat tar-Reġjuni mistenni jagħti l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Lulju 2017.
7. Il-Kunsill huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar l-approċċ ġenerali kif jinsab fl-Anness.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (1) L-Unjoni hija impenjata għal sistema tal-enerġija sostenibbli, kompetittiva, sigura, u dekarbonizzata. L-Unjoni tal-Enerġija u l-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 jistabbilixxu impenji ambizzjużi għall-Unjoni biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra (ta' mill-anqas 40 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990), biex iżżid il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli kkonsmata (b'mill-anqas 27 %) u biex tikseb iffrankar enerġetiku ta' mill-anqas 27 %, perċentwal li ser jiġi rivedut bl-għan li dan jogħla għal 30 % għall-Unjoni¹, u biex ittejjeb is-sigurtà, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-enerġija tal-Ewropa.
- (2) Biex dawn l-oġettivi jinkisbu, ir-rieżami tal-2016 tal-leġislazzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija jlaqqa' flimkien: (i) valutazzjoni mill-ġdid tal-mira tal-effiċjenza fl-enerġija tal-UE għall-2030 kif meħtieġ mill-Kunsill Ewropew fl-2014; (ii) rieżami tal-artikoli ewlenin tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija; (iii) rinfurzar tal-ambjent ta' sostenn finanzjarju fosthom il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), li fl-aħħar mill-aħħar ser ittejjeb il-kundizzjonijiet finanzjarji fis-suq ta' investimenti marbutin mal-effiċjenza fl-enerġija.
- (3) L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jirrikjedi lill-Kummissjoni twettaq rieżami sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017 fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-progress magħmul matul l-applikazzjoni tagħha, u, jekk ikun hemm il-bżonn, biex tagħmel proposti.
- (4) Bi tħejjija għal dan ir-rieżami, il-Kummissjoni ħadet sensiela ta' passi biex tiġbor evidenza dwar kif id-Direttiva 2010/31/UE ġiet implimentata fl-Istati Membri, filwaqt li ffokat fuq dak li jaħdem u dak li jista' jittejjeb.

¹ EUCO 169/14, CO EUR 13, CONCL 5, Brussell 24 ta' Ottubru 2014.

² Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

- (5) L-eżitu tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt indikaw li jeħtieġ li jsiru sensiela ta' emendi biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 2010/31/UE u biex jiġu ssimplifikati ċerti aspetti.
- (6) L-Unjoni hija impenjata biex tiżviluppa sistema tal-enerġija sigura, kompetittiva u dekarbonizzata sal-2050¹. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri u l-investituri jeħtieġu miżuri bl-għan li tintlaħaq il-mira fit-tul tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u d-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini sal-2050. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-passi intermedjarji indikattivi fuq żmien medju (2030) u fit-tul (2050).
- (7) Id-dispożizzjonijiet dwar strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul stipulati fid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² għandhom jitmexxew għad-Direttiva 2010/31/UE, għax jidħlu b'mod aktar koerenti fiha. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-istrateġiji tagħhom ta' rinnovazzjoni fit-tul biex jindirizzaw ir-riskji relatati ma' attività sismika qawwija li taffettwa r-rinnovazzjonijiet fl-effiċjenza enerġetika u l-ħajja tal-bini.
- (8) L-aġendi tas-Suq Uniku Diġitali u tal-Unjoni tal-Enerġija għandhom ikunu allinjati u jservu għanijiet komuni. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija qed tbiddel b'ħeffa x-xenarju tal-enerġija, mill-integrazzjoni tar-rinnovabbli sa grilji intelliġenti u bini b'potenzjal ta' intelliġenza. Sabiex jiġi diġitalizzat is-settur tal-bini, għandhom jiġu pprovduti inċentivi mmirati biex jippromwovu sistemi b'potenzjal ta' intelliġenza u soluzzjonijiet diġitali fl-ambjent mibni.

¹ Komunikazzjoni dwar *Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050*, (COM(2011) 885 final).

² Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

- (9) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, is-setgħat ta' implimentazzjoni dwar l-iskema komuni Ewropea għall-valutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-indikatur tal-intelliġenza għandu jintuża biex ikejjel il-kapaċità tal-bini li juża l-ICT u sistemi elettroniċi biex jottimizza l-operazzjoni u li jinteraġixxi mal-grilja. L-indikatur tal-intelliġenza għandu jqajjem kuxjenza fost is-sidien tal-bini u l-okkupanti tiegħu dwar il-valur tal-awtomatizzazzjoni tal-bini u tal-monitoraġġ elettroniku ta' sistemi tekniċi użati fil-bini u għandu jagħti assigurazzjoni lill-okkupant dwar l-iffrankar effettiv ta' dawn il-funzjonalitajiet imtejba għodda. L-użu tal-iskema għall-valutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini għandu jkun volontarju għall-Istati Membri.
- (9a) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, id-dispożizzjonijiet relatati mas-setgħa għall-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu emendati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' thejġija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-thejġija ta' atti delegati.
- (10) L-innovazzjoni u t-teknoloġija l-għdida jagħmluha wkoll possibbli li l-bini jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni ġenerali tal-ekonomija. Pereżempju, il-bini jista' jixpruna l-iżvilupp tal-infrastruttura neċessarja għall-iċċarġjar intelliġenti ta' vetturi elettriċi u anke jipprovdi l-bażi għall-Istati Membri, jekk huma jagħżlu, li jużaw batteriji tal-karozzi bħala sors ta' enerġija. [...]

- (10a) Flimkien ma' żieda fis-sehem tal-produzzjoni ta' elettriku rinnovabbli, il-vetturi elettriċi jwasslu għal inqas emissjonijiet tal-karbonju u għal kwalità tal-arja aħjar. Il-vetturi elettriċi jikkostitwixxu komponent ewlieni ta' transizzjoni għal enerġija nadifa bbażata fuq miżuri ta' effiċjenza enerġetika, fjuwils alternattivi, enerġiji rinnovabbli u soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-flessibbiltà tal-enerġija innovattiva. Il-kodiċijiet tal-bini jistgħu jkunu sfruttati b'mod effettiv permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti mmirati li jappoġġaw l-installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fil-parkeġġi tal-bini residenzjali u daww mhux residenzjali. L-Istati Membri għandhom **jipprevedu wkoll miżuri għas-simplifikazzjoni** [...] **tal-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar** bil-ħsieb li jiġu indirizzati ostakli bħal inċentivi maqsuma u kumplikazzjonijiet amministrattivi li jiltaqgħu magħhom sidien individwali meta jippruvaw jinstallaw punt tal-iċċarġjar fl-ispazju tal-parkeġġ tagħhom.
- (10b) Infrastruttura faċilment disponibbli ser tnaqqas l-ispejjeż tal-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għal sidien ta' appartamenti individwali u tiżgura li l-utenti tal-vetturi elettriċi għandhom aċċess għal punti tal-iċċarġjar. L-istabbiliment ta' rekwiżiti fil-livell tal-UE għat-tagħmir minn qabel tal-ispazji tal-parkeġġ u l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar huwa mod effettiv biex jiġu promossi l-vetturi elettriċi fil-futur qrib, filwaqt li jitħalla lok għal aktar żviluppi bi spejjeż imnaqqsa fuq żmien medju sa twil.
- (10c) Madankollu, ċerti żoni ġeografiċi b'vulnerabbiltajiet speċifiċi jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet speċifiċi fl-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti. Dan jista' jikkonċerna ċerti reġjuni ultraperiferiċi fit-tifsira tal-Artikolu 349 TFUE, minħabba l-periferiċità, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli tagħhom, kif ukoll sistemi iżolati mikro, li l-grilja tal-elettriku tagħhom tista' teħtieġ li tevolvi biex tlaħħaq mal-elettrifikazzjoni ulterjuri tat-trasport lokali. Dan mhux neċessarjament ikun il-każ. F'reġjuni sistemi oħra bħal dawn, l-elettrifikazzjoni tat-trasport tista' tkun għodda b'saħħitha biex tindirizza l-kwalità tal-arja jew problemi fis-sigurtà tal-provvista li reġjuni u sistemi bħal dawn ta' spiss jiffaċċaw. F'każijiet fejn jinqalgħu d-diffikultajiet imsemmija ta' hawn fuq, **jenħtieġ li tingħata possibbiltà lill-Istati Membri biex ma japplikawx** [...] ir-rekwiżiti **dwar l-elettromobbiltà**. [...]

(11) Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat żewġ settijiet eżistenti ta' dispożizzjonijiet, li l-għan tagħhom jista' jintlaħaq b'mod aktar effiċjenti meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. L-ewwel nett l-obbligu li, qabel ma tinbeda kwalunkwe kostruzzjoni, jitwettaq studju ta' fattibbiltà dwar sistemi alternattivi ta' effiċjenza għolja, isir piż żejjed. It-tieni nett, instab li d-dispożizzjonijiet relatati ma' spezzjonijiet tas-sistemi ta' tisħin u sistemi ta' arja kundizzjonata ma jiżgurawx biżżejjed u b'mod effiċjenti, ir-rendiment inizjali u kontinwu ta' dawn is-sistemi tekniċi. Anki soluzzjonijiet tekniċi irħas b'perjodi ta' ħlas qosra ħafna, bħall-ibbilanċjar idrawliku tas-sistema ta' tisħin u l-installazzjoni/is-sostituzzjoni ta' valvi ta' kontroll termostatiċi, mhumieq meqjusa biżżejjed illum il-għurnata. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-ispezzjonijiet huma emendati biex jiżguraw riżultat aħjar mill-ispezzjonijiet.

Dawn l-emendi jpoġġu l-attenzjoni tal-ispezzjonijiet fuq is-sistemi tat-tisħin ċentrali u l-arja kundizzjonata, u jeskludu sistemi ta' tisħin żgħar bħal ħiters elettriċi u fuklari mħaddma bl-injam.

(12) B'mod partikolari għal installazzjonijiet kbar, intwera li l-awtomatizzazzjoni tal-bini u l-monitoraġġ elettroniku tas-sistemi tekniċi użati fil-bini, huma sostituzzjoni effettiva għall-ispezzjonijiet. L-installazzjoni ta' tagħmir bħal dan għandha titqies bħala l-aktar alternattiva kosteffettiva għall-ispezzjonijiet f'bini kbir mhux residenzjali u f'bini b'ħafna familji ta' daqs suffiċjenti li jwassal biex dan it-tagħmir jitħallas f'inqas minn tliet snin. Għal installazzjonijiet ta' skala żgħira, id-dokumentazzjoni tar-rendiment tas-sistema mill-installaturi ser tappoġġa l-verifika ta' konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti għas-sistemi tekniċi tal-bini kollha.

(12a) L-implimentazzjoni ta' skemi ta' spezzjonijiet regolari tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kundizzjonata skont id-Direttiva 2010/31/UE involviet investiment amministrattiv sinifikanti mill-Istati Membri u s-settur privat, inkluż it-taħriġ u l-akkreditazzjoni ta' esperti, l-assigurazzjoni u l-kontroll tal-kwalità, u l-ispejjeż tal-ispezzjonijiet. L-Istati Membri li stipulaw il-miżuri meħtieġa għall-istabbiliment ta' spezzjonijiet regolari, u li implimentaw skemi ta' spezzjoni effettivi, jistgħu jsibu li jkun xieraq li jkomplu joperaw dawn l-iskemi, inkluż għal sistemi iżgħar ta' tisħin u arja kundizzjonata. **F'każijiet bħal dawn, ma hemm l-ebda bżonn għall-Istati Membri li jinnotifikaw dawk ir-rekwiżiti aktar stretti lill-Kummissjoni.**

- (13) Sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu taġġhom fir-rinnovazzjoni tal-bini, il-miżuri finanzjarji relatati mal-effiċjenza fl-enerġija għandhom ikunu marbuta mal-kwalità tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni. Dawn il-miżuri għalhekk għandhom ikunu marbuta mal-prestazzjoni tat-tagħmir jew il-materjal użat għar-rinnovazzjoni, u mal-livell ta' ċertifikazzjoni jew ta' kwalifika tal-installatur, jew mat-titjib miksub minħabba r-rinnovazzjoni, li għandu jiġi vvalutat billi jitqabblu ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs) maħruġa qabel u wara r-rinnovazzjoni, jew b'xi metodu trasparenti u proporzjonat ieħor.
- (14) [tħassar]
- (15) Is-sistemi ta' kontroll indipendenti attwali għall-EPCs jistgħu jintużaw għall-kontroll tal-konformità u għandhom jissaħħu biex ikun żgurat li ċ-ċertifikati jkunu ta' kwalità tajba. Meta s-sistema ta' kontroll indipendenti għall-EPCs tkun ikkomplementata minn bażi ta' data, li tmur lil hinn mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, din tista' tintuża għall-kontroll tal-konformità u għall-produzzjoni ta' statistika dwar l-istokkijiet tal-bini reġjonali/nazzjonali. Data ta' kwalità għolja dwar l-istokk tal-bini hija meħtieġa u din tista' tiġi ġġenerata parzjalment mill-bażijiet ta' data li kważi l-Istati Membri kollha attwalment qed jiżviluppaw u jimmaniġġaw għall-EPCs.
- (16) Biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika dwar l-effiċjenza fl-enerġija għall-bini, it-trasparenza tal-EPCs għandha tittejjeb billi jiġi żgurat li l-parametri neċessarji kollha għall-kalkoli kemm għaċ-ċertifikazzjoni kif ukoll għar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, jiġu stabbiliti u applikati b'mod konsistenti. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri adegwati biex jiżguraw, pereżempju, li r-rendiment ta' sistemi tekniċi użati fil-bini installati, mibdula, jew imtejba għat-tiġin tal-ispazju, l-arja kundizzjonata jew it-tiġin tal-ilma, jiġi ddokumentat fid-dawl taċ-ċertifikazzjoni tal-bini u l-verifika tal-konformità.

- (17) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1318 tad-29 ta' Lulju 2016 dwar bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero ppreżentat kif l-implimentazzjoni tad-Direttiva tista' simultanjament tiżgura t-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini u ċ-ċaqliq lejn provvista ta' enerġija aktar sostenibbli, li tappoġġa wkoll l-istrateġija ta' tisħin u tkessih¹. Biex jiġi żgurat li ssir implimentazzjoni xierqa, il-qafas ġenerali għall-kalkolu tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jiġi aġġornat bl-appoġġ tal-ħidma elaborata mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), skont il-Mandat M/480 li kien mogħti mill-Kummissjoni Ewropea.
- (18) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx iwaqqfu lill-Istati Membri milli jistabbilixxu rekwiżiti aktar ambizzjużi dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-bini u għall-elementi tal-bini, dment li dawn il-miżuri jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Huwa konsistenti mal-oġġettivi ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva 2012/27/KE li dawn ir-rekwiżiti jistgħu, f'ċertu ċirkostanzi, jillimitaw l-installazzjoni jew l-użu ta' prodotti soġġetti għal leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni, dment li rekwiżiti bħal dawn ma jikkostitwixxux ostaklu mhux ġustifikat għas-suq.
- (19) L-oġġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-tnaqqis tal-enerġija meħtieġa biex tintlaħaq id-domanda għall-enerġija assoċjata mal-użu tipiku fil-bini, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri jekk dawn jaġixxu waħedhom. L-oġġettivi tad-Direttiva jistgħu jkunu garantiti b'mod effettiv permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni billi dan jiggarrantixxi konsistenza, u oġġettivi, fehim u spinta politika komuni. Għaldaqstant, l-Unjoni tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat ukoll f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

¹ COM(2016) 51 final

- (20) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹, l-Istati Membri impenjaw rwieħhom li jehmżu, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom ma' dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.
- (21) Id-Direttiva 2010/31/UE għalhekk tenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1

Id-Direttiva 2010/31/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. "sistema teknika użata fil-bini" tfisser tagħmir tekniku li jipprovdi għat-tisħin tal-ispazju, għat-teksturi tal-ispazju, għall-ventilazzjoni, għall-ilma sħun domestiku, għad-dawl integrat, għall-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq is-sit, jew għal kombinament ta' dawn is-sistemi, inkluż dawk li jużaw l-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ta' bini jew unità ta' bini;"

(1a) Fl-Artikolu 2, jiżiedu l-punti 15a u 15b u 20 li ġejjin:

"15a. "sistema ta' tisħin" tfisser numru ta' komponenti magħqudin li jkunu meħtieġa biex tkun ipprovduta forma ta' trattament tal-arja interna, li permezz tagħhom it-temperatura tista' tizzidied";

"15b. "ġeneratur tas-sħana" tfisser il-parti ta' sistema ta' tisħin li tiġġenera sħana utli permezz ta' wieħed jew aktar minn dawn il-proċessi li ġejjin:

(a) il-kombustjoni ta' fjuwils, pereżempju, f'kaldarun;

(b) l-effett Joule, li jseħħ fl-elementi tat-tisħin ta' sistema ta' tisħin b'reżistenza elettrika;

(c) il-ġbir tas-sħana mill-arja ambjentali, mill-arja tal-egżost tal-ventilazzjoni, l-ilma jew sors (i) ta' sħana taħt l-art bl-użu ta' pompa tas-sħana";

(20) "sistema iżolata mikro" tfisser kwalunkwe sistema b'konsum ta' inqas minn 500 GWh fis-sena 1996, fejn ma jkun hemm ebda konnessjoni ma' sistemi oħra;

(2) wara l-Artikolu 2, jiżdied l-Artikolu 2a "Strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul":

'Artikolu 2a

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġija fit-tul għall-mobilizzazzjoni tal-investiment fir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat. Din l-istrateġija għandha tinkludi:
 - (a) ħarsa ġenerali tal-istokk ta' bini nazzjonali bbażata, kif adegwat, fuq teħid ta' kampjuni statistiċi u s-sehem mistenni fl-2020 ta' bini rinnovat;
 - (b) identifikazzjoni ta' approċċi kosteffettivi għar-rinnovazzjonijiet rilevanti għat-tip ta' bini u ż-żona klimatika;
 - (c) linji ta' politika u miżuri biex jistimulaw rinnovazzjonijiet profondi tal-bini li jkunu kosteffettivi, inklużi rinnovazzjonijiet profondi fi stadji;
 - (d) perspettiva li tħares 'il quddiem biex tiggwida lill-individwi, lill-industriji tal-bini u lill-istituzzjonijiet finanzjarji fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' investiment;
 - (e) stima bbażata fuq l-evidenza ta' ffrankar tal-enerġija u benefiċċji akbar mistennija.

2. Fl-istrateġija tagħhom ta' rinnovazzjoni fit-tul, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan direzzjonali b'miżuri li għandhom l-għan, bil-ħsieb tal-mira fit-tul li sal-2050 l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-UE jitnaqqsu bi 80-95 % meta mqabbla mal-1990, li jiżguraw stokk tal-bini nazzjonali ferm effiċjenti fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat. Il-pjan direzzjonali għandu jinkludi stadji indikattivi għall-2030 u l-2050.

Barra minn hekk, l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul għandha tqis il-ħtieġa li jittaffa l-faqar enerġetiku, skont il-kriterji definiti mill-Istati Membri.¹

3. Bħala gwida għad-deċiżjonijiet ta' investiment kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jintroduċu mekkaniżmi:

- (a) għall-aggregazzjoni ta' proġetti biex jagħmluha aktar faċli għall-investituri li jiffinanzjaw ir-rinnovazzjonijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1;
- (b) għat-tnaqqis tar-riskju perċepit mill-operazzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija għall-investituri u għas-settur privat; u
- (c) għall-użu tal-finanzi pubbliċi biex jiksbu investiment addizzjonali mis-settur privat jew jindirizzaw nuqqasijiet speċifiċi tas-suq.

4. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-istrateġiji tagħhom ta' rinnovazzjoni fit-tul biex jindirizzaw ir-riskji relatati ma' attività sismika qawwija li taffettwa r-rinnovazzjonijiet fl-effiċjenza enerġetika u l-ħajja tal-bini".

(3) LI-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹ Soġġett għall-eżitu tad-diskussjonijiet dwar d-Direttiva [XXXX] dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku, l-Artikolu 29 ta' dik id-Direttiva jista' jkun soġġett għal kontroreferenzi. Barra minn hekk, il-premessi 40 u 41 ta' dik id-Direttiva għandhom jiġu ssupplimentati bi kjarifika li l-politika dwar l-enerġija hija meqjusa bħala kontribut potenzjali biex jittaffa l-faqar enerġetiku b'mod ġenerali u mhux bħala l-kawża tiegħu.

'Artikolu 6

Bini ġdid

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-bini ġdid jissodisfa r-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ffissati skont l-Artikolu 4."

(4) Fl-Artikolu 7, il-ħames subparagrafu jitħassar;

(5) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu jitħassar;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Fir-rigward ta' bini mhux residenzjali ġdid u bini li qed issirli rinnovazzjoni kbira, dment li l-bini għandu aktar minn għaxar parkeġġi u li l-bini u l-parkeġġ tal-karozzi huma proprjetà tal-istess entità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

a) jekk il-parkeġġ tal-karozzi jinsab ġol-bini, u, għal rinnovazzjonijiet kbar, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ tal-karozzi jew l-infrastruttura elettrika tal-bini; jew

b) jekk il-parkeġġ tal-karozzi jkun fiżikament ħdejn il-bini u, għal rinnovazzjonijiet kbar, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jkunu jinkludu l-parkeġġ tal-karozzi,

jiġi installat tal-inqas punt wieħed tal-iċċarġjar fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi¹, li jkun kapaċi jibda u jieqaf jiċċarġja b'reazzjoni għas-sinjali tal-prezzijiet, flimkien ma' infrastruttura ta' kondjuwits, jiġifieri l-kondjuwits għall-kejbils tal-elettriku, biex fi stadju aktar tard tkun tista' ssir l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi għal mill-inqas wieħed minn kull tliet spazji ta' parkeġġ.

¹ ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2023 dwar l-ambitu għal politika Ewropea tal-bini li tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-mobbiltà elettrika u tipproponi miżuri jekk ikun xieraq.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux jew ma japplikawx ir-rekwiżiti msemmija fl-ewwel_subparagrafu għal bini li jkun proprjetà ta' intrapriżi żgħira u ta' daqs medju jew għal bini li jkun okkupat minnhom kif iddefinit fit-Titolu I tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003.

3. Fir-rigward ta' bini residenzjali ġdid u dawk li qed issirihom rinnovazzjoni kbira, dment li l-bini jkollu aktar minn għaxar spazji ta' parkeġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

a) jekk il-parkeġġ tal-karozzi jinsab ġol-bini, u, għal rinnovazzjonijiet kbar, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jinkludu l-parkeġġ tal-karozzi jew l-infrastruttura elettrika tal-bini; jew

b) jekk il-parkeġġ tal-karozzi jkun fiżikament ħdejn il-bini u, għal rinnovazzjonijiet kbar, il-miżuri ta' rinnovazzjoni jkunu jinkludu l-parkeġġ tal-karozzi,

l-infrastruttura ta' kondjuwits, jiġifieri l-kondjuwits għall-kejbils tal-elettriku, tiġi installata, sabiex fi stadju aktar tard tkun possibbli l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi għal kull spazju ta' parkeġġ.

3a. Il-paragrafu 2 u l-paragrafu 3 ma għandhomx japplikaw għal bini li b'rabta miegħu ġew ippreżentati applikazzjonijiet għal permessi ta' bini jew applikazzjonijiet ekwivalenti qabel jew fi żmien sena wara d-data msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva.

3b. L-Istati Membri għandhom jipprevedu **miżuri għas-simplifikazzjoni** [...] **tal-installazzjoni ta'** punti tal-iċċarġjar f'bini residenzjali u mhux residenzjali ġdid jew diġà eżistenti, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Istati Membri dwar il-proprjetà u l-kera.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux jew li ma japplikawx ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fil-bini pubbliku li diġà huwa kopert bid-Direttiva 2014/94/UE **u f'binjiet li jinsabu f'sistema tal-enerġija iżolata mikro jew f'reġjuni ultraperiferiċi fis-sens tal-Artikolu 349 TFUE jekk dan iwassal għal problemi sostanzjali għall-operat tas-sistema tal-enerġija lokali u jkun ta' perikolu għall-istabbiltà tal-grilja lokali.**

4a. Għal bini eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx jew ma jistabbilixxux ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 u 3, jekk l-ispiża tal-installazzjonijiet tal-iċċarġjar u tal-kanali taqbeż il-5 % tal-ispiża totali tar-rinnovazzjoni ewlenija.

4b. [...]

(c) jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tiġi installata, sostitwita jew imtejba sistema teknika użata fil-bini għat-tisħin tal-ispazju, l-arja kundizzjonata jew it-tisħin tal-ilma, sakemm dan ma jkollux impatt fuq ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tagħha, ir-rendiment il-ġdid tas-sistema jew tal-parti mibdula jiġi ddokumentat u mgħoddi lil sid il-bini, sabiex jibqa' disponibbli u jkun jista' jintuża għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont il-paragrafu 1 u għall-ħruġ ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jeħtiġux il-ħruġ ta' ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ġdid.

6. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2019, f'konsultazzjoni mas-setturi rilevanti, tadotta skema komuni u volontarja tal-Unjoni Ewropea biex tivvaluta l-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini. Din l-iskema ser tinkludi d-definizzjoni ta' indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini, ser tistabbilixxi metodoloġija biex dan jiġi kkalkulat u ser tagħti kontribut tekniku dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-Anness Ia. Dik il-miżura għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 26. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu jew jużaw l-iskema billi jadattawha għaċ-ċirkostanzi nazzjonali. L-iskema għall-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza ta' bini għandha tkun volontarja kemm għal sidien il-bini kif ukoll għall-Istati Membri. "

(6) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'6. L-Istati Membri għandhom jorbtu l-miżuri finanzjarji għat-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fir-rinnovazzjoni tal-bini:

- a) mar-rendiment fl-użu tal-enerġija tat-tagħmir jew tal-materjal użat għar-rinnovazzjoni. F'dan il-każ, it-tagħmir jew il-materjal użat għar-rinnovazzjoni għandu jiġi installat minn installatur bil-livell rilevanti ta' ċertifikazzjoni jew kwalifika, jew
- b) mat-titjib miksub minħabba din ir-rinnovazzjoni billi jqabblu ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġin qabel u wara r-rinnovazzjoni; jew
- c) mar-riżultati ta' metodu rilevanti, trasparenti u proporzjonat ieħor li jindika t-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija.';

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

"6a. Jekk l-Istati Membri joħolqu bażi ta' data għall-EPCs, għandha ssir disponibbli fuq talba data anonimizzata aggregata konformi mar-rekwiżiti tal-UE u nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data għal finijiet ta' statistika u riċerka, tal-inqas għall-awtoritajiet pubbliċi.";

(7) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri meħtieġa biex tiġi stabbilita spezzjoni regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi b'saħħa nominali effettiva għal skopijiet ta' tisħin tal-ispazju ta' aktar minn 70 kW, bħall-ġeneratur tas-sħana, is-sistema ta' kontroll u l-pompa/i ta' ċirkolazzjoni li jintużaw għat-tisħin tal-bini. Dik l-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza tal-ġeneratur tat-tisħin u tad-daqs tal-ġeneratur tat-tisħin imqabblin mar-rekwiżiti tat-tisħin tal-bini. Mhux meħtieġ li terġa' ssir il-valutazzjoni tad-daqs tal-ġeneratur tat-tisħin sakemm ma tkun saret ebda bidla għal din is-sistema ta' tisħin jew fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tisħin tal-bini sadanittant.

L-Istati Membri li jżommu rekwiżiti aktar stretti skont l-Artikolu 1(3) għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jinnotifikawhom lill-Kummissjoni."

(b) il-paragrafi 2, 3, 4 u 5 jiġihassru u huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2a. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-utenti jingħataw pariri adegwati rigward il-bdil ta' ġeneraturi tat-tisħin, modifiki oħra fis-sistema tat-tisħin u dwar soluzzjonijiet alternattivi għall-valutazzjoni tal-effiċjenza u d-daqs xieraq tal-ġeneratur tat-tisħin. L-impatt ġenerali ta' dan l-approċċ għandu jkun ekwivalenti għall-impatt li jirriżulta mill-miżuri meħudin skont il-paragrafu 1.

2. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 għal bini mhux residenzjali, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw rekwiżiti biex jiżguraw li huma jkunu mġhammra b'sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini. Dawn is-sistemi għandhom ikunu kapaċi:

(a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, janalizzaw u jħallu lok għal aġġustamenti fl-użu tal-enerġija;

- (b) ikejlu l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini, jidentifikaw nuqqasijiet fl-effiċjenza ta' sistemi tekniċi użati fil-bini, u jinformat lill-persuna responsabbli mill-faċilitajiet jew mill-ġestjoni teknika tal-bini dwar opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza fl-enerġija;
- (c) jippermettu l-komunikazzjoni mas-sistemi tekniċi użati fil-bini konnessi u apparati oħra fil-bini u jkunu interoperabbli mas-sistemi tekniċi użati fil-bini għal tipi differenti ta' teknoloġiji bi privattiva, apparati u manifatturi.

3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 għal bini residenzjali, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw rekwiżiti biex jiżguraw li huma jkunu mgħammra:

- (a) b'monitoraġġ elettroniku kontinwu li jkejjel l-effiċjenza tas-sistema u jinforma lis-sidien jew lill-manigġers tal-bini meta din tkun naqset b'mod sinifikanti u meta jkun meħtieġ servizz ta' manutenzjoni tas-sistema, u
- (b) b'funzjonalitajiet effettivi ta' kontroll biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, u l-użu ottimi tal-enerġija.";

(8) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri neċessarji għall-istabbiliment ta' spezzjoni regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi tal-arja kundizzjonata b'saħħa nominali effettiva ta' aktar minn 70 kW. L-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza tal-arja kundizzjonata u tad-daqs imqabbla mar-rekwiżiti għat-tkessiħ tal-bini. Mhux meħtieġ li terġa' ssir il-valutazzjoni tad-daqs sakemm ma tkun saret ebda bidla għal din is-sistema ta' arja kundizzjonata jew fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tkessiħ tal-bini sadanittant.

L-Istati Membri li jżommu rekwiżiti aktar stretti skont l-Artikolu 1(3) għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jinnotifikawhom lill-Kummissjoni."

- (b) il-paragrafi 2, 3, 4 u 5 jitħassru u huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2a. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jieħdu miżuri biex jiżguraw l-għoti ta' pariri lill-utenti dwar is-sostituzzjoni ta' sistemi tal-arja kundizzjonata, modifiki oħra għas-sistema tal-arja kundizzjonata u soluzzjonijiet alternattivi biex jiġu vvalutati l-effiċjenza u d-daqs adegwat tas-sistema tal-arja kundizzjonata. L-impatt ġenerali ta' dan l-approċċ għandu jkun ekwivalenti għal dak li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

2. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 għal bini mhux residenzjali, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw rekwiżiti biex jiżguraw li huma jkunu mġhammra b'sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini. Dawn is-sistemi għandhom ikunu kapaċi:

- (a) b'mod kontinwu jimmonitorjaw, janalizzaw u jaġġustaw l-użu tal-enerġija;
- (b) ikejlu l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini, jidentifikaw nuqqasijiet fl-effiċjenza ta' sistemi tekniċi użati fil-bini, u jinformaw lill-persuna responsabbli mill-faċilitajiet jew mill-ġestjoni teknika tal-bini dwar opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza fl-enerġija;
- (c) jippermettu l-komunikazzjoni mas-sistemi tekniċi użati fil-bini konnessi u apparati oħra fil-bini u jkunu interoperabbli mas-sistemi tekniċi użati fil-bini għal tipi differenti ta' teknoloġiji bi privattiva, apparati u manifatturi.

3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1 għal bini residenzjali, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw rekwiżiti biex jiżguraw li huma jkunu mġhammra:

- (a) b'monitoraġġ elettroniku kontinwu li jkejjel l-effiċjenza tas-sistema u jinforma lis-sidien jew lill-maniġers tal-bini meta din tkun naqset b'mod sinifikanti u meta jkun meħtieġ servizz ta' manutenzjoni tas-sistema, u
- (b) b'funzjonalitajiet effettivi ta' kontroll biex jiżguraw il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, u l-użu ottimi tal-enerġija.";

(9) fl-Artikolu 19, "l-2017" jiġi sostitwit bi "l-2028" u tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Bħala parti minn dan ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha teżamina r-rwol ta' approċċ marbut mad-distrett jew dak mal-viċinat fil-politika Ewropea dwar il-bini, pereżempju fil-kuntest ta' skemi ta' rinnovazzjoni ġenerali li japplikaw għal għadd ta' bini f'kuntest spazjali minflok bini uniku";

(10) Fl-Artikolu 20(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu informazzjoni lis-sidien u lill-okkupanti tal-bini dwar iċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, l-iskop u l-oġettivi tagħhom, dwar modi kosteffikaċi għat-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u, fejn xieraq, dwar l-istrumenti finanzjarji disponibbli biex jitjieb ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.";

(11) L-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 23

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 5 u 22 hija kkonferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 5 u 22 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 5 snin minn XXX [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5 u 22 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ggħib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hawnhekk. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016¹.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5 u 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(12) L-Artikoli 24 u 25 jiġihassru;

(12a) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

"Artikolu 26

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

(13) L-Annessi huma emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Bl-eċċezzjoni tal-aħħar subparagrafu tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija¹ jitħassru.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn XXXX [*Jekk jogħġbok daħħal id-data[] 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ*]. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

¹ ĠU L 315, 14.11.2012, p. 13

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

L-Annessi għad-Direttiva huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(c) il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-rendiment ta' bini fl-użu tal-enerġija għandu jiġi determinat abbażi tal-użu kkalkulat jew reali tal-enerġija u jirrifletti l-użu tipiku tiegħu ta' enerġija għat-tisħin, għat-tkessiġ, għall-ilma sħun domestiku, għall-ventilazzjoni u għad-dawl integrat (prinċipalment fis-settur mhux residenzjali).

Ir-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini għandu jkun espress b'indikator numeriku tal-użu tal-enerġija primarja $\text{f'kWh}/(\text{m}^2 \cdot \text{y})$, għall-finijiet ta' ċertifikazzjoni tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u tal-konformità mar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-metodoloġija applikata għad-determinazzjoni tiegħu għandhom ikunu trasparenti u miftuħin għall-innovazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-metodoloġija tal-kalkolu nazzjonali tagħhom skont l-annessi nazzjonali tal-istandards ġenerali¹ żviluppati skont il-Mandat M/480 mogħti mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Dan ma għandux jikkostitwixxi rekwiżit ta' konformità ma' dawk l-istandards. Id-deskrizzjoni tal-metodi ta' kalkolu nazzjonali għandha tkun volontarja fl-annessi nazzjonali tal-istandards l-oħrajn²; "

¹ ISO/EN 52000-1, 52003-1, 52010-1, 52016-1, u 52018-1.

² EN 12098-1, EN 12098-3, EN 12098-5, EN 12831-1, EN 12831-3, EN 15232-1, EN 15316-1, EN 15316-2, EN 15316-3, EN 15316-4-1, EN 15316-4-2, EN 15316-4-3, EN 15316-4-4, EN 15316-4-5, EN 15316-5, EN 15378-1, EN 15378-3, EN 15459-1, EN 15500-1, EN 16798-3, EN 16798-5-1, EN 16798-5-2, EN 16798-7, EN 16798-9, EN 16798-13, EN 16798-15, EN 16798-17, EN 16946-1, EN 16947-1, EN ISO 10077-1, EN ISO 10077-2, EN ISO 10211, EN ISO 12631, EN ISO 13370, EN ISO 13786, EN ISO 13789, EN ISO 14683 u EN ISO 6946, ISO/EN 52017-1 u ISO/EN 52022-1.

(d) il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiġ tal-ispazju, għall-ilma sħun domestiku u għal ventilazzjoni adegwata għandhom jiġu kkalkulati sabiex ikunu żgurati livelli minimi tas-saħħa u tal-kumdità definiti mill-Istati Membri.

Il-kalkolu tal-enerġija primarja għandu jkun ibbażat fuq fatturi tal-enerġija primarja jew fatturi ta' ponderazzjoni għal kull trasportatur tal-enerġija, li jistgħu jkunu bbażati fuq medji nazzjonali, reġjonali jew lokali annwali ppeżati jew fuq informazzjoni aktar speċifika li titqiegħed għad-dispożizzjoni tas-sistema distrettwali individwali.

Il-fatturi tal-enerġija primarja jew il-fatturi ta' ponderazzjoni għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri. Il-fatturi tal-enerġija primarja għandhom iqisu l-enerġija rinnovabbli fir-rigward tal-enerġija fornuta permezz tat-trasportatur tal-enerġija.

3. Biex jesprimu r-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jiddefinixxu indikaturi numeriċi addizzjonali tal-użu ta' enerġija primarja totali, mhux rinnovabbli u rinnovabbli, u emissjonijiet ta' gassijiet serra prodotti f'kg ta' ekwivalenza ta' CO₂ għal kull m² fis-sena.";

(e) fil-punt 4, il-frażi introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"4. Għandha titqies l-influwenza pożittiva tal-aspetti li ġejjin:";

2. L-Anness II jiġi emendat kif ġej:

(f) l-ewwel paragrafu tal-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddelegaw lhom ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll indipendenti għandhom jagħmlu għażla aleatorja taċ-ċertifikati kollha tar-rendiment fl-użu tal-enerġija maħruġin kull sena u jissoġġettawhom għal verifika. Il-kampjun għandu jkun ta' daqs suffiċjenti biex jiżgura riżultati tal-konformità statistikament sinifikanti.";

(g) jiżdied il-punt 3:

"3. Meta l-informazzjoni tiddaħħal f'bażi ta' data, l-awtoritajiet nazzjonali għandu jkollhom il-possibbiltà jidentifikaw l-awtur ta' din l-entrata, għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' verifika.";

3. Jiżdied l-Anness IX li ġej:

"Anness Ia

Qafas ġenerali komuni għall-valutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini

1. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini, jiġifieri indikatur li jikkarakterizza l-kapaċitajiet tal-bini b'rabta mal-operat, il-monitoraġġ u l-ġestjoni, l-interazzjoni mal-okkupanti, ir-reazzjoni għal talbiet u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll u s-sistemi tekniċi użati fil-bini, għandu jipprovdi informazzjoni sintetika u sinifikanti lis-sidien u okkupanti potenzjali.

2. Il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini għandha tippermetti kalkolu kosteffettiv u affidabbli tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini, b'mod sempliċi u kemm jista' jkun bl-użu ta' data diġà disponibbli. Din il-metodoloġija għandha tiżgura newtralità b'rabta mat-teknoloġija u l-fornitur u għandha tqis l-istandards Ewropej, b'mod partikolari fuq l-interoperabbiltà, u tikkonforma mar-regoli Ewropej u nazzjonali dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.
3. Il-modalitajiet għal implimentazzjoni effettiva tal-iskema ma għandu jkollhom ebda impatt negattiv fuq l-iskemi nazzjonali eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u għandhom jibnu fuq inizjattivi relatati fil-livell nazzjonali."
